Dun H. Scerri

# Jixħet il-festi tagħna?

Ħadt ħafna pjaċir b'din il-mistoqsija. Beda l-istaġun tal-festi, u għalhekk huwa ferm f'waqtu li nfissru s-sens veru tal-festi *fil-parroċċi tagħna* f'Malta u f'Għawdex.

Is-silta biblika li semma' l-qarrej hija meħuda mill-ktieb tal-profeta Għamos (5,21) li *jistqarr* hekk: "Il-festi tagħkom sirt nobgħodhom u nistmerrhom, ebda gost ma nsib fil-laqgħat tagħkom".

Alla jixtieq li nagħtuh il-qima li jixraqlu. Dan huwa d-dover tagħna matul is-sena kollha, b'mod partikulari nhar ta' Ħadd – Jum il-Mulej. Imbagħad, kif nafu lkoll, hemm numru ta' festi partikulari – festi tal-Mulej, festi tal-Verġni Marija u tal-qaddisin.

L-*iskop* tal-festi huwa li nqimu lil Alla. Meta niċċelebraw il-festi tal-Madonna u tal-qaddisin inkunu qed infaħħru lil Alla għall-ħajja qaddisa li dawn għexu, u fl-istess ħin nitħeġġu biex nimitawhom.

L-aspett ċentrali ta' dawn il-festi hija ċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija. Prinċipalment dan isir permezz taċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, kif ukoll ta' atti liturġiċi oħra, ngħidu aħna l-kant tas-salmi.

Is-sens veru u awtentiku tal-festi għandu l-qofol *tiegħu fil-liturġija*. Liturġija ċċelebrata tajjeb u b'mod dinjituż għandha twassal lill-insara biex permezz ta' parteċipazzjoni attiva, ġenwina u ħajja jidħlu aktar 'il ġewwa *fil-misteru ta'* Alla.



Dawn il-karatteristiċi li semmejt insibuhom fid-dokumenti tal-Knisja dwar il-liturġija, fost l-oħrajn dak tal-Konċilju Vatikan II (Sacrosanctum Concilium).

Hawn Malta, il-festi parrokkjali għandhom dimensjoni oħra li huwa importanti li nitkellmu dwarha wkoll, peress li hija magħġuna ħaġa waħda mal-kultura tagħna.

Qed nirreferi għal dawk li popolarment insejħulhom "il-festi ta' barra". Tajjeb li nifhmu li l-festa ta' barra għandha tkun estensjoni tal-liturġija ċċelebrata ġewwa l-knisja.

L-aspett tal-festi li semma' l-qarrej jinkludi l-marċi, in-nar ta' l-art u ta' l-ajru, il-baned, u attivitajiet oħra bħal dawn. Aħna magħmulin minn ruħ u ġisem. Għalhekk m'hemm xejn ħażin li niċċelebraw u nesprimu l-ferħ anki b'mod estern basta dan isir b'mod kontrollat, mingħajr eċċessi u mingħajr ma nweġġgħu s-sentimenti ta' ħaddieħor.

Il-Parish Handbook maħruġ xi snin ilu mill-Kulleġġ tal-Kappillani jeżiġi moderazzjoni fl-infieq "biex fl-okkażjoni tal-festa tkun tista' tingħata attenzjoni speċjali lid-dmir evanġeliku ta' għajnuna lill-aħwa fil-bżonn". Għandu jkun hemm moderazzjoni fil-ħruq tan-nar f'dik li hi kwantità, qawwa u ħinijiet, b'rispett lejn il-morda, l-anzjani, it-trabi, kif ukoll biex inħarsu l-ambjent.

Hija kontradizzjoni li niċċelebraw il-festi tal-Madonna u tal-qaddisin, u fl-istess ħin ninfirdu bejnietna minħabba piki fil-parroċċa stess, jew ma' parroċċi oħra.

Hija kontradizzjoni li niċċelebraw il-festi u mbagħad nagħtu lok għal sokor, indiċenza waqt xi marċi jew imġieba li tweġġa' 'l ħaddieħor. Festi ċċelebrati b'dan il-mod huma mistmerra mill-Mulej u jwaqqgħu d-dinjità tagħna bħala nsara ... u anki bħala bnedmin!

Nappella li int ukoll tagħti sehmek biex il-festi tagħna jiġu ppurifikati minn dak kollu li jmur kontra l-ispirtu tal-Vanġelu.

## Se tiżżewweġ barrani jew barranija?

Kors ta' tħejjija għaż-żwieġ għal tfajliet u ġuvintur Maltin li se jiżżewġu persuni barranin.
Jibda fis-7 ta' Ottubru.
Jekk interessat, ċempel 21222644 jew ibgħat email lil cecmalta@onvol.net.
Post: Kummissjoni Emigranti, Valletta (ħdejn il-Barrakka ta' Fuq).

## Iċ-ċittadinanza Nisranija f'San Pawl u Santu Wistin



**Sensiela ta' 13-il laqgħa dwar il-ħsieb ta' Santu Wistin.
Kull nhar ta' Ġimgħa, fl-Istitut Agostinjan, Tal-Pietà, mid-19 ta' Settembru sat-12 ta' Diċembru 2008 (6pm – 7pm).
Ċempel 21249470 jew 21222884 bejn id-9 am u s-1pm, jew ibgħat email: instagostmalta@gmail.com.**